

## L-EIOPA twissi lill-assiguraturi u lill-banek biex jindirizzaw kwistjonijiet b'rimunerazzjoni għolja u kunflitti ta' interess mill-bejgħ ta' assigurazzjoni għall-protezzjoni ta' kreditu jew jiffaċċjaw azzjoni superviżorja possibbi

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u I-Pensionijiet tax-Xogħol (EIOPA) qed twissi lill-assiguraturi u lill-banek (li jaġixxu bħala distributuri tal-assigurazzjoni)<sup>1</sup> biex jiżguraw li dawk il-prodotti joffru valur ġugħi l-konsumaturi billi:

- ▶ jieħdu azzjoni biex jindirizzaw kwistjonijiet b'rimunerazzjoni għolja mħallsa mill-manifatturi tal-assigurazzjoni lid-distributuri tal-assigurazzjoni għall-bejgħ ta' prodotti tal-assigurazzjoni tal-protezzjoni ta' kreditu (CPI)<sup>2</sup>, u
- ▶ jipprevjenu kunflitti ta' interess detrimentali fil-kuntest ta' mudelli ta' negozju tal-bankassigurazzjoni<sup>3</sup> milli jirizultaw.

Din it-twissija qed tinħareġ f'konformità mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010<sup>4</sup>.

### Sejbiet tal-EIOPA

Ir-rieżami tematiku riċenti tal-bankassigurazzjoni<sup>5</sup> li għamlet I-EIOPA żvela tkhassib serju b'mod partikolari fir-rigward ta' kummissjonijiet għoljin u kunflitti ta' interess fost il-manifatturi, id-distributuri u l-konsumaturi li jwasslu għal prodotti li joffru valur inġust u għal għażla limitata għall-konsumaturi, fil-kuntest tal-mudelli ta' negozju tal-bankassigurazzjoni. Is-sejbiet ewlenin juru li:

- ▶ Porzjon sinifikanti tal-primjum gross miktub (GWP) imħallas mill-konsumaturi jiffinanza r-rimunerazzjoni tal-banek, filwaqt li I-ħlasijiet tal-pretensjonijiet lill-konsumaturi huma, bħala medja, taħt it-30 % tal-GWP.
- ▶ L-EIOPA sabet li, għall-perjodu bejn I-2018 u I-2020, il-kummissjonijiet imħallas lill-banek varjaw:
  - bejn 30 % u 70 % tal-GWP għal aktar minn nofs il-poloz tas-CPI tal-mutwi ipotekarji;
  - bejn 40 % u 80 % tal-GWP għal aktar minn żewġ terzi tal-poloz tas-CPI tal-kreditu għall-konsumatur; u

---

<sup>1</sup> It-Twissija hija indirizzata lill-banek irregjistrati bħala intermedjarji tal-assigurazzjoni skont I-Artikolu 2(1)(3) [tad-Direttiva \(UE\) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni \(IDD\). N.B. Għalhekk, kwalunkwe referenza għal "banek" f'dan id-dokument għandha tingara bħala li tirreferi għal banek li huma reġistrati bħala intermedjarji tal-assigurazzjoni taħt I-DD.](#)

<sup>2</sup> It-Twissija tkopri t-tliet prodotti tas-CPI fl-ambitu tar-rieżami tematiku: is-CPI tal-mutwi ipotekarji, is-CPI tal-kreditu għall-konsumatur u s-CPI tal-karti tal-kreditu.

<sup>3</sup> It-terminu "mudell ta' negozju tal-bankassigurazzjoni" jirreferi għan-natura tar-relazzjoni bejn assiguratur li jimmanifattura prodotti tas-CPI u bank li jipprovi kanal ta' distribuzzjoni ta' dawk il-prodotti tas-CPI f'isem l-assiguratur.

<sup>4</sup> [Ir-Regolament \(UE\) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea \(EIOPA\)](#)

<sup>5</sup> Fir-rieżami tematiku pparteċipaw total ta' 174 assiguratur u 145 bank.

- bejn 40 % u 90 % tal-GWP għall-biċċa l-kbira tal-poloz tas-CPI tal-karti tal-kreditu.
- ▶ Il-biċċa l-kbira tal-banek (74 %) ma kellhomx mudell ta' allokazzjoni tal-kost fis-seħħ għall-bejgħ ta' prodotti tas-CPI. Fin-nuqqas ta' *data* bħal din, il-kummissjonijiet għoljin ma jistgħux jiġu sostanzjati mil-livell ta' kostijiet imġarrba mill-banek li jqassmu dawn il-poloz, meta wieħed iqis ukoll li l-prodotti tas-CPI normalment mħumiex poloz imfassla apposta, li jirriżultaw fi ħlas mhux ġustifikat għall-konsumaturi u prassi ta' prezziżiet ta' bejgħ mhux ekwi.
- ▶ Tali kummissjonijiet għoljin jistgħu jwasslu għal kunflitti ta' interess sinifikanti u detrimentali u għall-implimentazzjoni ta' prattiki tan-negożju ħażiena biex jimmassimizzaw il-profitti (eż. tekniki ta' bejgħ aggressivi, bejgħ inadatt eċċ.). Ir-rieżami tematiku wera wkoll li dawk l-assiguraturi li huma f'alleanza strateġika jew parti mill-istess azjenda finanzjarja ta' banek,<sup>6</sup> li jammontaw għal 63 % tal-assiguraturi, iħallsu kummissjonijiet ogħla lil banek bħal dawn meta mqabbla ma' meta jkunu stabbiliti ftehimiet ta' distribuzzjoni mhux esklussivi. Dan jindika li kummissjonijiet għoljin huma r-riżultat tal-mudelli ta' negożju tal-bankassurazzjoni stabbiliti, li jeħtieġu miżuri ta' governanza b'saħħithom (inklużi sistemi ta' kontroll) biex jittaffew kif xieraq il-kunflitti ta' interess fost il-manifatturi, id-distributuri u l-konsumaturi u biex jiġi evitat li jirriżultaw f'imġiba ħażina tan-negożju u ta' detriment għall-konsumatur.
- ▶ Barra minn hekk, 34 % tal-banek implementaw skemi ta' incenġivi għall-impiegati tagħhom għall-bejgħ ta' prodotti tas-CPI li, minħabba l-kummissjonijiet għoljin, iqajjem tħassib sinifikanti ulterjuri fir-rigward tal-konformità mal-Artikolu 17(3) tad-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni<sup>7</sup>.
- ▶ Il-biċċa l-kbira tal-banek (83%) ibiġħu l-prodott tas-CPI marbut mal-prodott tal-kreditu, li jfisser li l-konsumaturi jistgħu jixtru biss il-prodott tas-CPI jekk jieħdu l-prodott tal-kreditu prinċipali mill-istess bank. Din il-prattika tillimita l-kapaċitā tal-konsumaturi li jfittxu alternattivi oħra u tista' ssaħħha ir-riskji ta' bejgħ inadatt u tekniki ta' bejgħ aggressivi.
- ▶ Barra minn hekk, ċerti prodotti tas-CPI jinbiegħu bi primjum wieħed<sup>8</sup> (32 % tas-CPI tal-mutwi ipotekarji, 51 % tas-CPI tal-kreditu għall-konsumatur u 18 % tas-CPI tal-karti ta' kreditu) li jqajmu aktar kwistjonijiet bit-terminazzjoni bikrija, il-bdin jew il-kanċellazzjoni tal-polza tas-CPI. Ċerti banek joffru l-possibbiltà li jħallsu l-primjum b'self li joħloq kostijiet ta' mgħax addizzjonali għall-

<sup>6</sup> B'azjenda finanzjarja nfissru kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta fis-sens tal-Artikolu 212(1)(h) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni.

<sup>7</sup> "L-İstati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri tal-assigurazzjoni ma jkunux remunerati jew ma jagħtux rimunerazzjoni jew jivalutaw il-prestazzjoni tal-impiegati tagħhom b'mod li joħloq kunflitt ma' dmiri ġiethom biex jaġixu f'konformità mal-aħjar interassi tal-klijenti tagħhom. B'mod partikolari, distributur tal-assigurazzjoni ma għandux jaġħmel xi arranġament permezz ta' rimunerazzjoni, miri ta' bejgħ jew xi mod ieħor li jista' jaġħi l-inċentiv liu nnifsu jew lill-personal tiegħi biex jirrakkomanda prodott tal-assigurazzjoni partikolari lil klijent meta d-distributur tal-assigurazzjoni jkun jista' joffri prodott tal-assigurazzjoni differenti li jilħaq aħjar il-ħtiġijiet tal-klijent."

<sup>8</sup> Il-poloz bi primjum wieħed huma mfassla bi ħlas wieħed bil-quddiem li jkopri l-kost kollu tal-polza tal-assigurazzjoni għat-terminu tal-polza kollu. Il-konsumaturi jkollhom iħallsu l-primjum totali f'somma f'daqqa fil-bidu tal-kuntratt.

konsumaturi u kunflitti ta' interessa peress li l-banek jistgħu jkunu incenitivati biex joffru tali għażla biex jiġġeneraw id-dħul mit-tariffi u mill-imgħax.

L-EIOPA tqis li prattiki bħal dawn iqajmu tkassib qawwi fir-rigward tal-implementazzjoni adegwata tal-prinċipji regolatorji fundamentali stabbiliti fl-IDD u jistgħu jkunu ta' detriment kbir għall-konsumaturi.

### **Aspettativi tal-EIOPA**

L-EIOPA tistenna li l-assiguraturi u l-banek ipoġġu l-interessi tal-klijenti fil-qalba tal-mudell ta' negozju tagħhom<sup>9</sup> u jieħdu miżuri rilevanti biex jipprevjenu l-okkorrenza ta' aktar detriment għall-konsumaturi.

L-EIOPA tistenna li l-assiguraturi u l-banek kollha (li jaġixxu bħala distributuri tal-assigurazzjoni) jikkonformaw bis-sħiħ mal-IDD, inkluż ir-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti (POG). Meta jkun seħħi detriment għall-konsumaturi, l-assiguraturi u l-banek ikkonċernati kollha<sup>10</sup> għandhom jieħdu azzjonijiet ta' rimedju biex itejbu l-eżiġi tal-konsumatur billi "jrażżu s-sitwazzjoni u jipprevjenu okkorrenzi ulterjuri tal-avveniment detrimentali" f'konformità mal-Artikolu 7(3)<sup>11</sup> tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2358 (minn hawn 'il quddiem "Regolament Delegat tal-POG")<sup>12</sup>.

L-EIOPA tqis li għandha tittieħed azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

#### **1. Manifattura ta' prodotti tas-CPI**

- ▶ Il-manifatturi tal-prodotti tas-CPI għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom huma mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq fil-mira identifikat<sup>13</sup>, jiġifieri joffru valur ġust u jiżguraw il-korrettezza fil-prattiki tal-ipprezzar. Sabiex jagħmlu dan, il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott tagħhom għandu jitfassal b'mod li jkun proporzjoni għall-kumplessità u għar-riskji relatati mal-mudell ta' negozju rilevanti tal-bankassigurazzjoni, mal-prodott tas-CPI u mas-suq fil-mira. B'mod partikolari l-assiguraturi u l-banek għandhom:
  - Jivalutaw jekk il-bank huwiex komanifattur *de facto* tal-polza tas-CPI u jekk jikkonformax mar-rekwiżiti tal-POG. Din il-valutazzjoni hija partikolarmen importanti għall-poloz għal grupp fejn il-bank huwa kemm id-detentur tal-polza kif ukoll id-distributur u x'aktarx li jkun ukoll

<sup>9</sup> Barra minn hekk, l-assiguraturi u l-banek għandhom b'mod partikolari jikkonformaw mad-Direttiva 2005/29/KE dwar pratti kummerċjali żleali.

<sup>10</sup> Il-biċċa l-kbira tal-assiguraturi (64 %) fil-kampjun immanifatturaw, ikkummerċjalizzaw jew adattaw b'mod sinifikanti l-prodotti tas-CPI tagħhom fl-1 ta' Ottubru 2018 jew wara, li jfisser li dawn il-prodotti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-POG.

<sup>11</sup> L-Artikolu 7(3) [tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni \(UE\) 2017/2358](#)

<sup>12</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2358 tal-21 ta' Settembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti għall-impriżi tal-assigurazzjoni u għad-distributuri tal-assigurazzjoni.

<sup>13</sup> L-Artikolu 25(1) tal-IDD u l-Artikolu 5(3) u 6 tar-Regolament Delegat tal-POG.

komanifattur *de-facto*. F'xi każijiet, id-dispożizzjonijiet nazzjonali bħal-liġi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni jistgħu jkunu rilevanti wkoll.

- Jiżguraw li s-sistema u l-kontrolli tal-POG ikunu adegwati biex jipprevjenu l-influwenza żejda tal-bank fid-disinn tal-prodott, sakemm il-bank ma jkunx formalment nominat bħala komanifattur u biex jiżguraw ġestjoni effettiva tal-kunflitti ta' interress<sup>14</sup>.
- ▶ Il-manifatturi għandhom jiżguraw ukoll li l-itteşjar jivvaluta jekk il-prodott joffrix valur għas-suq fil-mira, inkluż billi jibbilanċjaw il-benefiċċji għall-manifattur u għad-distributur ma' dawk għas-suq fil-mira<sup>15</sup>. Dan għandu jinkludi wkoll valutazzjoni dwar jekk il-kostijiet kollha humiex proporzjonali għall-ispejjeż sostnuti mill-manifattur u mid-distributur u l-benefiċċji, b'attenzjoni partikolari għall-komprensività tal-kopertura offruta, u s-servizzi offruti lis-suq fil-mira – jiġifieri l-ebda kost m'għandu jkun bla bżonn.
- ▶ Il-manifatturi għandhom jagħmlu użu mid-*data* disponibbli (bħal ilmenti, pretensjonijiet miċħuda u oħrajin) u jwettqu analiżi rilevanti biex jiżguraw il-monitoraġġ xieraq tal-prodott, inkluż jekk il-prodott joffrix valur għas-suq fil-mira. Jekk le, għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa biex itaffu ssitwazzjoni, bħal disinn imtejjeb tal-prodott, tnaqqis tal-kummissjonijiet, eċċ. u jipprevjenu okkorrenzi ulterjuri ta' detriment, inkluż billi jinfurmaw lill-banek u lill-klijenti kkonċernati<sup>16</sup>.
- ▶ Barra minn hekk, il-manifatturi għandhom jimmonitorjaw li l-banek li jaġixxu bħala intermedjarji tal-assigurazzjoni – inkluż meta l-bank ikollu funzjoni ta' kontroll fi ħdan is-sħubija u/jew l-azjenda finanzjarja – jaġixxu skont l-objettivi tal-proċess tal-approvazzjoni tal-prodott tagħhom<sup>17</sup> u li l-iskemi tal-bejgħ, inklużi l-iskemi tal-inċentivi tal-impiegati, stabiliti fil-livell tal-bank mhumiex ta' detriment għall-konsumaturi.

## 2. Arranġamenti ta' distribuzzjoni tas-CPI

- ▶ L-assiguraturi u l-banek huma mistennija jivvalutaw u jirrevedu l-arranġamenti ta' distribuzzjoni u ta' rimunerazzjoni tagħhom biex jiżguraw li dejjem jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interassi tal-klijenti tagħhom<sup>18</sup>. B'mod partikolari, għandhom jivvalutaw jekk il-livell ta' kummissjonijiet huwiex iġġustifikat mill-kostijiet sostnuti biex jipprovdu dawn il-prodotti u minn beneficiju offrut lis-suq fil-mira.

<sup>14</sup> L-Artikolu 4(3)(b) tar-Regolament Delegat tal-POG

<sup>15</sup> L-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament Delegat tal-POG

<sup>16</sup> L-Artikolu 7(3) tar-Regolament Delegat tal-POG

<sup>17</sup> L-Artikolu 8(4) u (5) tar-Regolament Delegat tal-POG.

<sup>18</sup> L-Artikolu 17 u l-Artikolu 20(1) tal-IDD.

- ▶ L-EIOPA tistenna li l-assiguraturi u l-banek jindirizzaw kwistjonijiet b'kummissjonijiet mhux ġustifikati u sproporzjonati għall-bejgħ ta' prodotti tas-CPI.
- ▶ Minħabba l-kunflitti ta' interess potenzjali fil-mudelli ta' negozju tal-bankassigurazzjoni, l-EIOPA tistenna li l-arraigamenti tad-distribuzzjoni tal-prodotti jqisu l-livell ta' kumplessità u r-riskji relatati mal-prodotti, kif ukoll in-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tad-distributur (il-bank)<sup>19</sup>. L-EIOPA tistenna wkoll li l-manifatturi jiżguraw li, bħala parti mill-istratgeġja tad-distribuzzjoni tagħhom għall-prodotti tas-CPI, jidentifikaw il-kanal ta' distribuzzjoni l-aktar xieraq, aktar milli jiddependu fuq sħubijiet eżistenti u/jew fuq kumpaniji li jappartjenu għall-istess azjenda finanzjarja, u jidentifikaw ukoll kunflitti possibbli ta' interessi u jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni, kif meħtieġ.

### **Passi li jmiss**

'Il quddiem, l-assiguraturi u l-banek jistgħu jistennew li l-EIOPA u l-awtoritajiet kompetenti jipproritizzaw il-monitoraġġ tas-suq tas-CPI. Jekk l-assiguraturi u l-banek jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-IDD u fir-Regolament Delegat tal-POG, huma jistgħu jistennew li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom – filwaqt li jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità – inkluż verifikasi fuq il-post u setgħat investigattivi oħra. Fil-każ ta' ksur u skont il-gravità tal-ksur, l-assiguraturi u l-banek jistgħu jistennew li jiġu imposti sanzjonijiet xierqa u/jew li jittieħdu miżuri amministrattivi, bħal:

- ▶ F'konformità mal-Artikolu 33(2)(b), l-IDD, li tirrikjedi li l-bank iwaqqaf l-imġiba u jwaqqaf ir-ripetizzjoni ta' dik l-imġiba, inkluż it-twaqqif tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li ma jistgħux jissostanzjaw b'ittestjar suffiċjenti u adegwatt tal-prodott li l-kummissjonijiet għoljin huma ġġustifikati minn proċess ta' pprezzar ġust – jiġifieri prodotti kummerċjalizzati f'nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-POG;
- ▶ F'konformità mal-Artikolu 33(2)(c) tal-IDD, l-irtirar tar-reġistrazzjoni tal-bank bħala intermedjarju tal-assigurazzjoni mir-registro nazzjonali.

L-assiguraturi u l-banek jistgħu jistennew ukoll li:

- ▶ L-EIOPA se ssegwi l-implimentazzjoni ta' din it-Twissija mill-assiguraturi u mill-banek inkluż dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati mir-rieżami tematiku fis-swieq tagħhom.
- ▶ L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, tal-protezzjoni tal-konsumatur u awtoritajiet rilevanti oħra fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi tagħhom, minħabba l-

---

<sup>19</sup> L-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat tal-POG

EIOPA(2022)0037187

**UŻU REGOLARI MILL-EIOPA**

prattiki kummerċjali żleali u l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur enfasizzati fir-rieżami tematiku.